MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 189/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Farrugia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian Farrugia talli fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2007 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda, naqas milli jaghti l-manteniment lil martu Romina Farrugia ta' Lm195 pagabbli kull l-ewwel tax-xahar dovut lill-uliedhom minuri Gilmour ta' 8 snin u Kayleigh ta' 15-il sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Mejju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Brian Farrugia hati skond l-imputazzjoni kif

dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-periodu ta’ gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Brian Farrugia, minnu ppresentat fl-14 ta’ Mejju 2007 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 6 ta’ Lulju 2007; ikkunsidrat:

Fil-kaz in dizamina, il-manteniment hu dovut *ex contractu* in forza tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn l-appellant u martu. L-ilmenti ta’ l-appellant, kif migjuba fir-rikors ta’ appell, huma (i) li hu m’ghandux l-intenzjoni li ma jghaddix il-manteniment lil martu, (ii) li ma giex pruvat li hemm xi ammont li ghadu ma thallasx, (iii) li hu pprova li effettivament huwa ghamel diversi hlasijiet anke permezz ta’ *cheque* li gie msarraf minn martu, u (iv) li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva.

Mill-provi mismugha jirrizulta car li ghax-xhur ta’ Frar u Marzu l-appellant naqas milli jhallas il-manteniment kif hu obbligat li jaghmel, filwaqt li ghax-xahar ta’ Jannar huwa hallas biss (u mhux puntwalment) parti zghira mill-ammont dovut. Jidher li dan in-nuqqas hu dovut ghall-fatt li bejn l-appellant u martu hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni assoluta, u xi cekkijiet li huwa baghat bil-posta registrata gew ritornati lura lilu ghax ma kienux gew imwassla lil martu. B’dana kollu huwa xorta jigi li naqas milli jhallas il-manteniment: min ikun obbligat li jhallas ghandu l-obbligu wkoll li jassigura ruhhu li l-manteniment jasal ghand id-destinatarju, u mhix skuza valida fil-ligi li l-posta ma hadmitx jew li c-cekk jew il-flus gew dirottati. Il-hlas isir meta l-flus (jew l-ekwivalenti f’cekk) jaslu ghand id-destinatarju – u, s’intendi, jekk ic-cekk ma jkunx jista’ jissarraf ghal xi raguni attribwibbli lil min ikun hargu, dan jekwivali ghal nuqqas ta’ hlas. Ghalhekk din il-Qorti ssib li l-ewwel tlett aggravji tal-appellant jirrazentaw il-fieragh.

Fl-udjenza tas-6 ta’ Lulju 2007, wara li xehdet mart l-appellant u wara posponiment qasir, il-kwerelanti Romina Farrugia, permezz ta’ l-avukat taghha, iddikjarat li dak inhar stess hija kienet thallset, ossia irceviet cekkijiet, li jkopru dak kollu dovut ghall-periodu inkriminat (salv xi ammont ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li dwaru l-avukat taghha u l-avukat tal-appellant kienu qed jaraw kif ghandha tinhadem is-somma), u li ghalhekk, salv din il-kwistjoni taz-zieda skond l-gholi tal-hajja, hija ma kellhiex aktar pretensjonijiet civili ghax-xhur Jannar, Frar u Marzu 2007. F’dana l-istadju l-Avukat Dott. Chris Cardona, ghall-appellant prezenti u konsenzjenti, iddikjara li huwa kien qed jillimita l-appell tieghu ghall-piena.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li kien alkwantu inutili u ta’ telf ta’ zmien ghal dawn il-Qrati li biex mart l-appellant tithallas dak li kien dovuta lilha, kellu jkun hemm kundanna ghal piena karcerarja mill-Qorti tal-Magistrati u appell, smigh ta’ provi u trattazzjoni quddiem din il-Qorti. Anke jekk l-appellant u martu ma jitkellmux, din il-Qorti ma tistax tifhem ghala, permezz tal-avukati rispettivi taghhom, ma setax ikun stabbilit bhala fatt li c-cekkijiet ma kienux waslu u li allura kien hemm ammont jew ammonti dovuti. Minkejja dan, in vista tal-fedina penali relattivament nadifa tal-appellant u ghal din id-darba biss, din il-Qorti mhix sejra tibghatu l-habs. Il-Qorti taghmilha cara, , li jekk, tkun xi tkun ir-raguni, l-appellant jerga’ jonqos milli jhallas□pero il-manteniment dovut, huwa m’ghandux jistenna minn dawn il-Qrati hlief piena karcerarja. Il-Qorti sejra, ghalhekk, tibdel il-piena ta’ gimgha detenzjoni ghal piena pekunjarja, b’dan li qed tiehu kont tal-fatt li hawn si tratta ta’ reat kontinwat u ghalhekk hemm lok ta’ zieda skond l-Artikoli 18 u 31(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ in parte biss l-appell interpost u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lil Brian Farrugia hati skond l-imputazzjoni kif dedotta, thassar u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta’ gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ihallas multa ta’ hamsin

lira (Lm50), konvertibbli f’ghaxart ijiem prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------